**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 359/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Donatella Falzon**
**(ID 215284(M))**

**Illum, 29 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Donatella Falzon**, bint Salvatore u Rita nee` Vella, imwielda l-Pieta` fl-24 ta' April 1984 u residenti Marina Azzura, Flat 7, Triq l-Irmiġġ, Msida, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 215284(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Jannar 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

A. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżata li timmanifattura jew li tforni d-droga

msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Lulju 2014 ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2015, l-imputata wieġbet li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha[2];

---

[1] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[2] A fol. 6 tal-proċess.

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni:

1. **PC 773 Ryan Tonna** xehed illi fis-16 ta' Jannar 2014, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Malcolm Bondin, hu flimkien ma' WPC 317 u PS 839, wettqu tftittxija fl-appartament bin-numru 7, Azzura Flats, Triq l-Irmiġġ, Msida, fejn fit-*top cupboard* tal-kċina, sabu ħames kapsoli li kienu jikkontjenu trab abjad, suspettat droga u miżien, filwaqt illi fil-*wall unit*, fis-salott, sabu s-somma ta' €10,500 fi flus kontanti. Mill-istess residenza ġew elevati wkoll erba' *mobile phones* u żewġ *laptops*. Ix-xhud jgħid illi waqt l-istess tfittxija, preżenti fir-residenza kien hemm ċertu Darren Aquilina, li ftit tal-ħin qabel kien ġie mwaqqaf f'*road block* u fuqu nstabu xi affarijiet u għalhekk l-Ispettur Bondin kien tahom struzzjonijiet sabiex jagħmlu tfittxija fir-residenza tiegħu. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa ma kienx involut fir-*road block*, iżda biss fit-tfittxija ġewwa r-residenza msemmija. Jgħid in oltre illi huma daħlu fir-residenza biċ-ċavetta ta' Aquilina, u illi fir-residenza kien hemm Donatella Falzon, ossia l-imputata odjerna. Fl-istess residenza kien hemm ukoll mara oħra – skont ix-xhud omm Aquilina jew omm l-imputata - li kienet qed iżżomm lit-tifel li wkoll kien fir-residenza. Skont ix-xhud, meta Aquilina ġie mistoqsi fejn kien jirrisjedi, huwa ħadhom f'din ir-residenza. Fuq il-post, l-imputata qalet li s-sustanza misjuba kienet tagħha.[3]

2. **WPC 317 Alishia Mamo** xehdet illi nhar is-16 ta' Jannar 2004, hija kienet preżenti waqt it-tftittxija li saret fir-residenza ta' Darren Aquilina, Azzurra Flats, Flat 7, Triq l-Irmiġġ, Imsida, fejn kien hemm preżenti t-tfajla tiegħu, Donatella Falzon. Tgħid illi fil-*wall unit* tas-salott, instabet is-somma ta' €10,500 u illi fit-*top cupboard* tal-kċina nstabu ħames kapsoli u miżien iswed. Instabu wkoll erba' *mobile phones* u żewġ *laptops.* Tgħid ukoll illi l-oġġetti ġew elevati u mgħoddija lill-Ispettur Malcolm Bondin. Fir-residenza waqt l-istess tfittxija, kien hemm ukoll tarbija u mara anzjana. Ix-xhud tgħid ukoll illi hekk kif instabu l-kapsoli fil-kċina, it-tfajla ossia l-imputata odjerna, ammettiet illi dawn kienu tagħha.[4]

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 7 sa 11 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 12 sa 14 tal-proċess.

3. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal bin-numru 712/2014 redatt mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta dwar *sejba ta' pirmli suspettużi ġo vettura IRH150 u ħames kapsoli b'sustanza bajdanija ġewwa residenza bl-isem Marina Azzurra, Flat 7, Triq l-Irmiġġ, Imsida nhar is-16 ta' Jannar 2014.*[5]

4. Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi l-Maġistrat Dr. Peralta ħatar lix-Xjenzat Godwin Sammut bħala espert forensiku u lil PS 74 Mark Chetcuti bħala *Scene of the Crime Officer* (Fotografija), li ppreżentaw ir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom fl-atti tal-inkjesta msemmija. Mir-relazzjoni tal-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut** jirriżulta illi huwa ġie mogħti s-segwenti għall-analiżi tiegħu:

   *Evidence bag* bin-numru **M00113122** li fih: (i) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem: Data: 16/01/14 Ħin: 02:00hrs Elevat/i minn top cupboard tal-kċina fil-preżenza ta' Donatella Falzon, Darren Aquilina minn PS839, PC773 u miżien ta' lewn iswed; (ii) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem: Data: 16/01/14 Ħin: 02:00hrs Elevat/i minn top cupboard tal-kċina fil-preżenza ta' Donatella Falzon, Darren Aquilina minn PS839, PC773 u ħames kapsuli ta' lewn abjad li fihom trab ta' lewn abjad; iii) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem: Data: 16/01/14 Ħin: 01.20hrs Elevat/i minn ġo ashtray fin-naħa tax-xufier tal-vettura fil-preżenza ta' Darren Aquilina minn PC1599, PC877 u borża tal-plastik trasparenti li fiha diversi pilloli ta' lewn bojod żgħar; iv) sitt fliexken bil-kliem *Gkoufuye* li fihom xi likwidu.

   Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-miżien, il-pilloli bojod u l-likwidu fil-fliexken irriżultaw fin-negattiv għad-droga, filwaqt illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li kien hemm fil-ħames kapsuli, instabet is-sustanza kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 49.52 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 22%. Il-kokaina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

[5] Ara l-proċess verbal esebit a fol. 18 *et seq* tal-proċess.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi t-trab fil-kapsoli kellu s-segwenti piż rispettivament: 9.92 grammi, 10.06 grammi, 9.83 grammi, 9.77 grammi u 9.94 grammi.[6]

5. Illi r-ritratti tal-ħames kapsoli in kwistjoni, kif ukoll tal-miżien li nstab fir-residenza fuq imsemmija jifformaw parti mir-relazzjoni ta' **PS 74 Mark A. Chetcuti**, li kif ingħad, tinsab fl-atti tal-proċess verbal fuq imsemmi.[7]

6. **PS 839 Stephen Micallef** xehed illi nhar is-16 ta' Jannar 2014, għall-ħabta tas-1.20 a.m, ġie infurmat mill-Iskwadra tar-*Rapid Intervention Unit* illi kienu waqqfu lil ċertu Darren Aquilina bil-vettura tiegħu, u li fil-pussess tiegħu kellu borża b'xi pilloli bojod, kif ukoll flus kontanti fis-somma ta' €1,720. Fuq din l-informazzjoni, huma marru fuq il-post u kellmu lil Aquilina u ddeċiedew li jagħmlulu tfittxija fir-residenza tiegħu, ossia f'appartament Azzura Flats, Triq l-Irmiġġ, l-Imsida. Huwa jgħid illi fil-fond instabu ammont ta' €10,500, *laptops, mobile phones* u karti b'xi kitba fuqhom – skont ix-xhud "*numri u affarijiet minn dawn*" u fil-kċina, f'*cupboard* instabu ħames kapsoli suspettati li kienu jikkontjenu d-droga. Dawn ġew elevati u meħuda l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Fil-garaxx, taħt l-appartament, instabu wkoll diversi *mobile phones.* Ix-xhud jgħid ukoll illi t-tfittxija saret fil-presenza ta' Darren Aquilina u tal-imputata odjerna.[8]

7. **L-Ispettur Malcolm Bondin** xehed dwar dak li wassal għall-arrest ta' Donatella Falzon u illi mal-pulizija li wettqu t-tfittxija fir-residenza in kwistjoni, din kienet ħadet responsabilita` tal-kapsoli li nstabu fl-istess residenza. Jgħid illi l-imputata kienet ingħatat id-drittijiet kollha tagħha, kienet għażlet li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u rrilaxxjat stqarrija dettaljata.[9]

   **In kontro-eżami** l-Uffiċjal Prosekutur jikkonferma illi s-sieħeb tal-imputata wkoll kellu l-problemi fiż-żmien li l-imputata kienet tikkonsma ammonti kbar tad-droga u fiż-żmien ta' din ix-xhieda, huwa kien qed jiskonta piena karċerarja. Jgħid ukoll illi s-somma flus li nstabet kellha sservi sabiex minnha

---

[6] Ara a fol. 28 *et seq* tal-proċess. Ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tiegħu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, a fol. 71 u 72 tal-proċess.
[7] Ara din ir-relazzjoni a fol. 43 *et seq* tal-proċess u r-ritratti tal-kapsoli u tal-miżien a fol. 47 u 48 tal-proċess. PS 74 Mark Anthony Chetcuti kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tiegħu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, a fol. 77 u 78 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 59 sa 62 tal-proċess.
[9] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 68 sa 70 tal-proċess bħala Dok. MB.

titħallas parti mill-multa li kien ġie ordnat iħallas l-istess Aquilina f'dak il-każ u illi kien ġie kkonfermat illi dawn il-flus kienu tal-istess Aquilina. Jgħid in oltre illi ma nstabux messaġġi fuq il-*mobile phones* li setgħu kienu relatati ma' traffikar ta' droga, u illi kienet il-kwantita` tad-droga misjuba li kienet wasslet sabiex l-imputata tiġi akkużata bir-reat ta' pussess aggravat, liema kwantita` ma kinitx waħda normalment assoċjata ma' użu personali. Ikompli hekk: "*issa jekk hi veru kellha dak il-vizzju, nemmnu li hemm kazijiet fejn gieli jiehdu dak l-ammonti pero ahna f'dak l-istadju ma stajtx nghid li isma dawn kienu personal use.*"[10]

8. **WPS 237 Antonella Vella** xehdet illi hija kienet xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar is-16 ta' Jannar 2014, li ngħatat is-solita twissija u tkellmet mal-avukat Dr. Roberto Montalto qabel l-interrogatorju tagħha. L-imputata kienet għażlet li tiffirma l-istqarrija rilaxxjata minnha.[11]

Illi da parti tagħha, <u>id-difiża</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. L-imputata **Donatella Falzon** għażlet li tixhed f'dawn il-proċeduri. Tgħid illi hija għandha 32 sena, li tagħmel ix-xogħol ta' *hairdresser*, li tgħix ma' binha Dejan Aquilina ta' 4 snin u li fil-passat, kellha problema tad-droga kokaina. Ma kinitx tieħu droga oħra għajr għall-kokaina, iżda kienet tieħu l-kalmanti u pilloli b'ordni tat-tabib, Dr. Vella Baldacchino, u kienet tħallat kif ifettlilha fis-sens illi kienet tieħu iżjed kalmanti milli kellha tieħu. Dan kien fiż-żmien qabel kellha t-tarbija u li kienet għamlet xi erba' jew ħames snin fuq il-kalmanti u fuq il-kokaina. Tgħid ukoll illi hija kellha tifel ieħor, li fiż-żmien tax-xhieda tagħha kellu tnax-il sena, u li kien jgħix ma' missieru, għaliex hi ma setgħetx iżżommu aktar, minħabba l-problemi li kellha dak iż-żmien. Waqqfet tieħu d-droga xi ħames snin qabel – ossia għall-ħabta tas-sena 2012 stante li l-imputata xehdet fi Frar tas-sena 2017 – meta kienet qed tipprepara għat-tqala tat-tieni tarbija tagħha. F'dak il-perjodu hija kienet tgħix l-Imsida ma' Darren Aquilina, missier it-tieni wild tagħha. Tikkonferma li kienu marru l-Pulizija fil-fond fejn kienet tirrisjedi u ġiet arrestata, kif ukoll illi kienet irrilaxjat stqarrija, liema stqarrija hija kkonfermatha matul din ix-xhieda tagħha. Tgħid illi d-droga li nstabet kienet xtratha hi sabiex tużaha, li dak iż-żmien kienet tibda tieħu d-droga u ma tieqafx, li kienet tagħmel jumejn jew tliet ijiem ma torqodx u tibqa' tieħu d-droga, u b'referenza għall-istqarrija tagħha, fejn qalet illi kienet anke tieħu għaxar grammi kokaina kuljum, tgħid

[10] Ara a fol. 63 sa 67 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 74 u 75 tal-proċess.

illi dak iż-żmien għaxar grammi ma kinux ħafna għaliha. Fi kliemha, "*Noqghod diehla u hierga t-toilet, il-hin kollu ghaddejja lejl u nhar*", u dan meta kienet tkun id-dar, għaliex ma kinitx toħroġ.[12] Tgħid illi d-droga li nstabet fil-pussess tagħha kienet ilha għandha xi sentejn, jekk tiftakar sew, u mistoqsija f'dan ir-rigward, tgħid illi hija żammitha hemm biex tegħleb il-vizzju. Fi kliemha, "*jekk ma jkollix zgur kont nohrog biex nixtri u niehu imma l-fatt li dawn kienu hemm hekk u jien ma missejthomx inhossni irbaht*".[13] Tgħid illi d-droga kienet ilha sentejn fil-bank tal-kċina, minn qabel it-tqala tagħha u wara ma reġgħetx misset droga. Tikkonferma li s-sieħeb tagħha ta' dak iż-żmien, Darren Aquilina, kien qed jiskonta sentenza karċerarja fiż-żmien ta' din ix-xhieda, u mitluba tispjega kif allura fl-istqarrija tagħha qalet illi kien hu li waqqafha mill-użu tad-droga, hija tgħid illi huwa kien jgħidilha illi kemm il-darba riedet tarbija, ma setgħetx tieħu kalmanti jew tibqa' tuża d-droga u li kellha tieqaf. Hi xtaqet tarbija peress illi t-tifel il-kbir tagħha ma baqax jitrabba minnha fid-dawl tal-problema tad-droga li kellha, liema tifel fil-fatt kien għadu ma' missieru sa dakinhar tax-xhieda tagħha. Tispjega wkoll illi missier it-tifel kien ħadulha tramite l-Aġenzija Appoġġ u l-ħaddiema soċjali. Kienet marret ukoll l-Aġenzija Sedqa biex tipprova tegħleb il-vizzju, iżda ħasset illi jekk kienet ser titħallat ma' dak it-tip ta' nies, kienet ser tispiċċa agħar. Tgħid illi kienet pazjenta ta' Dr. Vella Baldacchino, li kien jaf b'din il-problema, u illi wara kienet marret għand il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri. Tispjega illi hija kienet u għadha tbati wkoll bl-*anorexia*, li minħabba f'hekk ma tiekolx, u li meta kienet tuża l-kokaina, ma kinitx tiekol bis-saħħa tagħha. Tiċħad li qatt kellha l-ħsieb li tbiegħ id-droga misjuba fil-pussess tagħha u mistoqsija mill-Qorti kif kienet issostni vizzju ta' għaxar grammi kuljum, hija tgħid illi kellha l-flus u ma kien jonqosha xejn ma' missier binha l-kbir, li dan kellu negozju u flus kellha kemm trid. Tgħid illi dan kien jaħdem fil-kostruzzjoni.[14]

2. **Dr. Joseph Spiteri**, psikjatra, ikkonferma li l-imputata kienet taħt il-kura tiegħu bejn is-snin 2009 u l-2012 u anke f'dawk l-aħħar erba' snin ossia bejn is-sena 2014 u ż-żmien tax-xhieda tiegħu, fis-sena 2018. Fil-frattemp, l-imputata qaltlu li kienet taħt il-kura ta' ħaddieħor. Jispega illi l-imputata bdiet tirriskontra problemi minn meta kellha sittax il-sena, żviluppat ħsibijiet ta' *body dysmorphia*, kellha sintomi ta' *anorexia,* bdiet tagħmel ħafna dieti u kienet tara lilha nnifisha kerha. Għalhekk, dak iż-żmien, sabiex tinsa, jew tħossha aħjar, kienet tagħmel użu mill-kokaina. Skont ix-xhud, dan kien fis-

[12] Ara a fol. 90 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 91 tal-proċess.
[14] A fol. 81 sa 95 tal-proċess.

sena 2009. Huwa kien taha kura medika għal din il-kundizzjoni, inkluż *anti depressants*. Sussegwentement kienet taħt il-kura ta' Dr. Vella Baldacchino, iżda mbagħad reġgħet taħt il-kura tiegħu fis-sena 2014. Illum hija stabbli, u sa fejn kien jaf hu, minn madwar is-sena 2016 jew 2017 hija ma baqgħetx tagħmel użu mid-droga. Jispjega mill-lat mediku illi min, bħal l-imputata, ibati minn *anorexia* ħafna drabi isofri ukoll minn *bulimia*, u għalhekk, sabiex dak li jkun jindirizza l-emozzjonijiet tiegħu jirreaġixxi b'diversi modi, fosthom f'dan il-każ, billi l-imputata kienet tagħmel użu mill-kokaina sabiex tinsa x'kien qed jiġri. Jgħid ukoll illi eventwalment l-imputata ppruvat tfittex il-ħajja tagħha għaliex kellha t-tfal. Jgħid in oltre illi fis-sena 2009, l-imputata kellha sintomi ta' *anorexia* evidenti, u hi kienet ammettiet li kienet tieħu l-kokaina. Kien hemm ukoll elementi ta' rritabilita` eżeġerata u *restlessness* li kienu jindikaw li tieħu l-kokaina, għalkemm ma setax jgħid li kienet tieħu kokaina biss, u li kienu jindikaw ukoll illi ma kinitx qed tieħu ammonti żgħar. Ma setax jgħid illi l-imputata kienet tieħu ammonti kbar għax qatt ma raha fi stat psikotiku, iżda l-ħsibijiet li kien ikollha kienu juru nuqqas ta' kuntatt mar-realta`. Jgħid in oltre illi fis-sena 2014, il-kwistjoni tad-droga ma tantx kienet prominenti, iżda dak iż-żmien il-problema kienet iżjed waħda ta' relazzjonijiet. Għalkemm xi kultant hija kienet tuża l-kokaina, din ma kinitx problema f'dak l-istadju. Skont ix-xhud, l-abbuż tal-imputata mid-droga kien wieħed moderat bejn is-snin 2009 u 2012.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-każ, l-imputata qegħda tigi akkużata illi fil-jum tas-16 ta' Jannar 2014 u fil-jiem ta' qabel, hija kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina, kif ukoll b'referenza għall-istess data u jiem, illi tali droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha.

Il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata nstabet fil-pussess tad-droga kokaina u dan kif ammess mill-istess imputata, kemm fl-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar tal-arrest tagħha, liema stqarrija hija kkonfermatha fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, kif ukoll f'din l-istess xhieda tagħha. Dak li qed tikkontesta l-imputata fil-fatt mhuwiex il-pussess tal-istess droga, iżda li tali pussess kien f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha.

[15] A fol. 101 sa 107 tal-proċess.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

> " … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-

imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

U kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tingħata raġuni għall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx ġie ippruvat.

M'hemmx dubbju, kif wara kollox ġie indikat ukoll mill-Uffiċċjal Prosekutur fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi l-imputata ġiet akkużata bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina fid-dawl tal-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess tagħha – ammont li ma huwiex normalment assoċjat ma' pussess għall-użu personali. Fil-fatt, kif ingħad iżjed 'il fuq, mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi t-trab kontenenti d-droga kokaina fil-kapsoli in kwistjoni kellu piż ta' 49.52 grammi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti kkunsidrat il-verżjoni tal-imputata Donatella Falzon, mogħtija minnha kemm fl-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-Pulizija Eżekuttiva, kif ukoll fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, liema verżjoni baqgħet waħda pjuttost konsistenti. L-imputata tenniet illi hija kienet bdiet tagħmel użu mid-droga kokaina snin qabel, f'liema żmien hija kienet tbati wkoll mill-*anorexia,* liema stat ta' fatt ġie wkoll ikkonfermat mill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, li għamel żmien jikkura lill-istess imputata, u li fix-xhieda tiegħu jispjega u jikkonferma kemm il-kundizzjoni psikjatrika tal-imputata, kif ukoll illi hija kienet tagħmel użu mill-kokaina fiż-żmien li kienet pazjenta tiegħu u dan proprju sabiex tegħleb ħsibijiet oħra dwar l-apparenza tagħha, u bħala konsegwenza tal-kundizzjoni tal-*anorexia* li hija kienet tbati minnha. Kemm mill-verżjoni mogħtija mill-imputata, kif ukoll mix-xhieda tal-imsemmi psikjatra, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputata kienet verament tagħmel użu mid-droga fil-passat, liema użu da parti tagħha kien anke wassal sabiex hija titlef il-kura u l-kustodja tal-ewwel wild tagħha.

Jirriżulta wkoll inkontestat illi l-imputata ma baqgħetx tagħmel użu mid-droga, kif anke ġie kkonfermat mill-istess psikjatra kuranti tagħha. Il-Qorti tinnota illi f'dan ir-rigward, il-verżjoni tal-imputata mhijiex korroborata kompletament minn dik tal-psikjatra u dan għaliex filwaqt illi hija tgħid illi hija waqqfet kompletament l-użu tad-droga bi tħejjija għat-tqala tagħha bit-tieni wild, li kellu erba' snin fiż-żmien tax-xhieda tagħha fis-sena 2017 u in oltre kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kif ukoll

fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, tgħid illi l-kapsoli kienet xtrathom xi sentejn qabel il-każ (għalhekk għall-ħabta tas-sena 2012) u li ma kinitx messithom, mill-banda l-oħra, il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri jixhed illi sas-sena 2014, l-imputata kienet okkażżjonalment tirrikorri għad-droga kokaina, għalkemm din ma baqgħetx problema prominenti f'ħajjitha. Il-Qorti tqis illi fid-dawl ta' dak li xehed il-psikjatra, kif ukoll illi skont l-istess psikjatra, l-imputata fittxet l-istabbilita` f'ħajjitha għaliex kellha t-tfal u fid-dawl tal-fatt illi jirriżulta wkoll mix-xhieda tagħha, illi f'xi żmien għall-ħabta tas-sena 2013, hija kellha t-tieni wild tagħha, x'aktarx huwa minnu illi hija naqqset drastikament l-użu tad-droga meta kellha t-tieni wild, b'dan illi jidher ukoll, fid-dawl tax-xhieda tal-istess psikjatra, illi l-imputata ma kinitx waqqfet l-użu tad-droga kokaina kompletament fiż-żmien tal-każ odjern ossia sas-sena 2014.

Ċertament illi l-Qorti hija mħassba dwar il-kwantita` tad-droga li ġiet elevata mill-pussess tal-imputata f'dan il-każ. B'rabta ma' dan, ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-istess imputata fis-sens illi fiż-żmien li kienet tuża l-kokaina, hija kienet tikkonsma madwar għaxar grammi kuljum. Din ix-xhieda ftit li xejn tista' tiġi korroborata b'referenza għall-provi fl-atti proċesswali u l-unika xhieda li l-Qorti tista' torbot magħha hija x-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li jgħid illi l-istat ta' aġitazzjoni tal-imputata fiż-żmien relattiv kien jindika li l-imputata kienet tagħmel użu *'mhux ħażin'* mid-droga, b'dan illi ma kienx f'posizzjoni illi jgħid li l-imputata kienet tikkonsma *'ammonti kbar'* ta' droga kokaina, u dan peress illi huwa qatt ma ra lill-imputata fi stat ta' psikożi, oltre illi ddeskriva l-użu tagħha mid-droga bħala wieħed moderat. Meta wieħed iqis illi l-użu da parti tal-imputata mid-droga kokaina fiż-żmien tal-każ ma kienx wieħed kontinwu jew tant kbir, u minkejja li l-Qorti ma tistax teskludi għal kollox, anke in vista tax-xhieda tal-psikjatra, illi l-imputata kienet żammet dik id-droga bħala sfida għaliha nnifisha, il-Qorti ma tistax ma tistaqsix x'kienet il-ħtieġa li l-imputata żżomm kważi ħamsin gramma kokaina fil-pussess tagħha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Mill-banda l-oħra, minkejja li l-verżjoni tal-imputata tidher u tinstema' kemm xejn anomala, u jista' jkun ukoll illi l-imputata eżaġerat xi ftit meta spjegat l-ammont ta' droga kokaina li kienet tikkonsma kuljum, u dan qed jingħad partikolarment fid-dawl ta' dak li xehed il-psikjatra tal-istess imputata, mill-banda l-oħra ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti proċesswali illi b'xi mod tindika li fiż-żmien in kwistjoni, l-imputata kienet tispaċċa d-droga kokaina jew illi tali droga kienet intiża għal terzi persuni. Dan ġie saħansitra dikjarat ukoll mill-Uffiċjal Prosekutur, li xehed illi fil-mori tal-investigazzjoni, għajr għall-ammont ta' droga fil-pussess tal-imputata, ma nstabu ebda ndizzji oħra illi kienu jindikaw illi l-imputata kienet qed tispaċċa d-

droga. Fil-fatt għalkemm ġew elevati numru ta' *mobile phones* u anke żewġ *laptops* mir-residenza fejn saret it-tfittxija, l-istess Uffiċjal Prosekutur xehed illi huwa ma kien sab assolutament xejn fil-*mobile phones* tal-imputata li seta' kien relatat ma' traffikar tad-droga, tant illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma talbet lil din il-Qorti sabiex taħtar espert sabiex jagħmel estrazzjoni tal-kontenut tal-istess *mobile phones*. In oltre ġie kkonfermat ukoll mill-istess Uffiċjal Prosekutur illi l-flus li nstabu fir-residenza in kwistjoni, ma kinux jappartjenu lill-imputata, iżda lis-sieħeb tagħha. L-imputata offriet ukoll spjegazzjoni plawsibbli dwar is-sejba tal-miżien diġitali viċin id-droga. Mhux biss, iżda meta l-Qorti rat l-esebiti sabiex tikkonstata x'kienu l-karti b'kitba fuqhom li għalihom jirreferi PS 839 Stephen Micallef fix-xhieda tiegħu u li skont hu, kien fihom xi numri "*u affarijiet minn dawn*", ma kien hemm l-ebda karti formanti parti mill-istess esebiti.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll il-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** tas-27 ta' April 2017, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji.
>
> Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq **"possession with intent to supply"**, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu

esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia …

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

"*Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*"[16]

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

---

[16] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għal www.cps.gov.uk

> "Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."
>
> Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita…".

Illi fil-każ odjern, il-Qorti qed tikkunsidra s-segwenti:

1. Illi minkejja li l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputata ma kienx wieħed minimu jew tali li normalment jiġi assoċjat ma' użu personali, u minkejja wkoll illi fiż-żmien in kwistjoni ma jirriżultax illi l-imputata kienet tagħmel xi użu sostanzjali mid-droga, l-imputata kienet pjuttost konsistenti fil-verżjoni tagħha dwar ir-raġuni għall-pussess ta' dik id-droga u minkejja wkoll illi tali verżjoni hija pjuttost anomala, il-kundizzjoni psikjatrika tal-istess imputata ġiet sostanzjalment ikkonfermata mix-xhud tad-difiża l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri;

2. Illi xejn mill-kontenut tal-*mobile phones* elevati ma jindika li l-imputata kienet tispaċċa d-droga jew li kellha xi ħsieb illi tagħmel dan;

3. Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova oħra ta' ċirkostanzi li jistgħu jitqiesu suffiċjenti għall-fini tal-aggravanti li bih l-imputata tinsab akkużata.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti fiċ-ċirkustanzi tqis illi minkejja li l-kwantita` tad-droga elevata mill-pussess tal-imputata mhijiex waħda minima, biss dan il-fatt waħdu ma jistax jitqies bħala prova suffiċjenti u konvinċenti li jindika illi li l-pussess ta' dik id-droga da parti tal-imputata kien wieħed aggravat. Effettivament, apparti l-ammont tad-droga, ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi elenkati mill-Qorti tal-Appell Kriminali, b'referenza għall-ġurisprudenza Ingliża fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**. Għaldaqstant ma tqisx illi t-tieni imputazzjoni ġiet suffiċjentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi minkejja li l-fedina penali tal-imputata, kif aġġornata sa Jannar 2014, mhijiex waħda netta, l-iskontri li jirriżulta li kellha mal-ġustizzja jirrisalu għal bejn erba' u tmien snin qabel id-data li għaliha tirreferi l-imputazzjoni tal-lum u l-ebda waħda minn dawn ma kienu konnessi mad-droga. In oltre tqis ukoll illi l-pieni li ġew imposti f'dawk il-każijiet kienu lkoll pieni pekunjarji. Tqis ukoll illi l-każ odjern jirrisali għas-sena 2014, kif ukoll illi mix-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, jirriżulta illi l-imputata kienet qegħda tgħix ħajja stabbli u illi għelbet il-vizzju tad-droga.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll l-ammont tad-droga mertu tal-każ, u li ma kienx ammont minimu jew insinjifikanti.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, filwaqt illi qed issib lill-imputata **Donatella Falzon** mhux ħatja tal-imputazzjoni B miġjuba kontra tagħha u qed tilliberaha minnha, qed issibha ħatja tal-imputazzjoni A u tikkundannaha għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u għall-piena ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

Il-Qorti wissiet lill-ħatja fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż[17] konnessi man-nomina tal-esperti maħtura fil-mori tal-inkjesta bin-numru 712/2014, ammontanti tali nofs għas-somma ta' mija, disgħa u għoxrin ewro u tliet ċenteżmi (€129.03) in kwantu għall-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' ħamsa u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€35.48) in kwantu għall-ispejjeż konnessi mal-ħatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 74 Mark Chetcuti, b'kollox għalhekk għas-somma ta' mija, erbgħa u sittin ewro, wieħed u ħamsin ċenteżmu (€164.51), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien xahar mil-lum.

---

[17] Il-Qorti qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti, stante illi l-każ kien jinvolvi wkoll sejba ta' sustanzi fuq terza persuna.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, tas-sustanzi u tal-oġġetti konnessi mad-droga formanti parti mill-proċess verbal tal-inkjesta bin-numru 712/2014, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat